# Aħbar Tajba



2 Kron 36, 14-16.19-23
S 136, 1-6
Ef 2, 4-10
Ġw 3, 14-21

"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni,
**biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."**

Illum ngħixu f'dinja li tħobb tkejjel. Inkejlu kemm aħna twal, naraw jekk hux qed inżidu wisq fil-piż, naraw kemm aħna kapaċi niġru distanzi f'qasir żmien. Anke jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-affarijiet li jkollna d-dar. Jekk qed nitkellmu fuq l-ikel, kull ħaġa naraw kemm għandha piż u irridu nsibu wkoll kemm fiha xaħmijiet, zokkor u l-bqija: insibu kollox fid-dettall. Tassew li qed ngħixu f'dinja fejn kollox jista' jitqies. Imma mhux kollox nistgħu nqisuh!

Jekk trid tkejjel il-piż ta' xi ħaġa, kulma trid huwa miżien. Jekk trid tkejjel xi likwidu, ikollok bżonn *measuring jar,* u tkun taf eżatt kemm għandek. Biex inżommu l-ħin illum għandna ħafna modi differenti. Daqqa t'għajn lil xi arloġġ jekk ikun hemm fil-viċin, inkella tħares lejn l-iskrin tal-kompjuter jew tal-*mobile* u hemm ssibu wkoll. Insomma, ħafna affarijiet differenti juru l-ħin illum. Jekk trid tqis id-daqs ta' oġġett kulma trid hija riga jew jekk l-oġġett hu ftit kbir ikollok bżonn rutella.

Imma l-Evanġelju tal-lum se jkellimna fuq xi ħaġa li ma nistgħux inqisuha – l-imħabba. L-unika ħaġa li nistgħu nagħmlu bl-imħabba hi li nagħtuha u nirċevuha. Dan ma jfissirx li ma nistgħux naraw kemm ħaddieħor iħobbna, imma li żgur ma nistgħux ngħidu hu li nħobbu biżżejjed. Għax ħafna minna nħobbu nqisu l-affarijiet biex inkunu nafu meta għandna nieqfu. Kilt biżżejjed, domt biżżejjed nilgħab, qrajt biżżejjed minn dan il-ktieb. Dawn kollha sentenzi li jagħmlu sens. Imma ma nistgħux nużaw l-istess frażi għall-imħabba. Madre Tereża ta' Kalkutta, qaddisa ta' żmienna, kienet tħobb tgħid 'love until it hurts', bil-ħsieb li m'hemmx limitu għal kemm għandna nħobbu lill-oħrajn. Fil-fatt kien hemm xi ħadd li żied mas-sentenza famuża ta' Madre Tereża, u kompla s-sentenza bil-kliem: '... and then, love a whole lot more."

Fuq kollox, kliem Ġesù jurina xi tfisser l-imħabba – "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." Alla tant iħobbna li tana kollox, tana lil ibnu, li saħansitra sar wieħed minna, għex fid-dinja magħna, feraħ u beka ma' ħafna nies li ltaqa' magħhom, u fl-aħħar miet għall-imħabba kbira li għandu għalina lkoll. Dik hi l-imħabba li l-Evanġelju qed iħeġġiġna li ngħixu.

**Attività**

**Imxi minn tikka għall-oħra bil-lapes biex tara l-forma li toħroġ u mbagħad agħtiha l-kulur.**




Min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri **li hemm Alla f'għemilu.**

Aghti l-kulur



## SAN PATRIZJU

Id-data u l-post tat-twelid ta' San Patrizju huma inċerti. Twieled madwar is-sena 385, f'Dunbarton, l-Iskozja, jew f'Cumberland, l-Ingilterra.

Ġurnata waħda, meta kellu sittax-il sena, waqt li kien fir-razzett ta' missieru, ġie maqbud u mbagħad mibjugħ bħala lsir fl-Irlanda. Sitt snin wara ħarab, u raġa' lura lejn id-dar. Fil-jasar tiegħu fl-Irlanda rnexxielu jitgħallem tajjeb l-ilsien tal-pajjiż, u nissel xewqa kbira fih li jwassal il-fidi Nisranija lill-poplu Irlandiż.

Patrizju studja wkoll fil-Monasteru ta' Lerins fi Franza, fis-snin 412 sa 415. Għal ħmistax-il sena wara, kien f'Auxerre, fejn probabbilment kien ġie ordnat saċerdot fis-sena 417, minn San Amator. Fis-sena 432, Patrizju ġie kkonsagrat Isqof, u ftit wara mar fit-tramuntana tal-Irlanda fejn ġie milqugħ tajjeb mill-mexxejja Irlandiżi. Ma damx ma beda jwaqqaf knejjes mal-Irlanda kollha, u minkejja t-tfixkil qawwi li kienu jagħmlulu d-Druwidi (saċerdoti saħħara pagani), irnexxielu jagħmel ħafna konverżjonijiet.

Fis-sena 444, wara żjara li kien għamel f'Ruma, stabilixxa s-sede tiegħu fil-belt ta' Armagh, li saret iċ-ċentru tal-ħidma tal-Knisja Kattolika fl-Irlanda.

San Patrizju miet fis-sena 461. Hu l-Patrun tal-Irlanda, u hu għalll-Irlandiżi bħalma San Pawl hu għall-Maltin. Fl-Irlanda l-jum tal-festa tiegħu hu btala pubblika, u jinżamm hekk mhux biss fl-Irlanda, iżda kull fejn hemm komunitajiet Irlandiżi.

**Talba:** Mulej Alla li tista' kollox, għaqqad u saħħaħ il-poplu Irlandiż fil-Fidi Nisranija, li għaliha San Patrizju ħadem b'ħeġġa l-iktar kbira.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.


mediacentre YOUTHEME FOUNDATION